31997D0157

1.3.1997 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 60/63

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
## tat-12 ta' Frar 199
## li tiddefinixxi t-trattament tad-dħul ta' impriżi għal investiment kollettiv (UCIs) għall-iskop ta' l-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 89/130/KEE, Euratom, dwar l-armonizżazzjoni tal-kompilazzjoni tal-prodott gross nazzjonali bi prezzijiet tas-suq

**(Test b'relevanza għaż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE))**

(97/157/KE, Euratom)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/130/KEE, Euratom tat-13 ta' Frar 1989 dwar l-armonizżazzjoni tal-kompilazzjoni tal-prodott gross nazzjonali bi prezzijiet tas-suq ([1]),

Billi għall-iskop tad-definizzjoni tal-prodott gross nazzjonali bi prezzijiet tas-suq (GNPmp) skond l-Artikolu 1 tad-Direttiva 89/130/KEE, Euratom, li, bis-saħħa ta' l-Artikolu 8(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2223/96 tal-25 ta' Ġunju 1996 dwar is-sistema Ewropea ta' kontijiet nazzjonali u reġjonali fil-Komunità ([2]) huwa applikabbli waqt li d-Deċiżjoni 94/728/KE, Euratom ([3]) tibqa' fis-seħħ, huwa neċessarju li jiġi kkjarifikat it-trattament tad-dħul ta' impriżi għall-investiment kollettiv (UCIs) skond is-sistema Ewropea ta' kontijiet ekonomiċi integrati (ESA) fis-seħħ;

Billi t-tieni edizzjoni ta' l-ESA ma fihiex dispożizzjonijiet espliċiti għar-reġistrazzjoni tad-dħul ta' UCIs, b'mod partikolari d-dħul tagħhom mhux distribwit;

Billi huwa għalhekk neċessarju li jiġu interpretati r-regoli tat-tieni edizzjoni ta' l-ESA, skond dawn il-prinċipji bażi sabiex jiġi indikat metodu ta' reġistrazzjoni ta' dan id-dħul;

Billi l-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 6 tad-Direttiva 89/130/KEE, Euratom,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Għall-iskop ta' l-implimentazzjoni tad-Direttiva 89/130/KEE, Euratom, id-dħul ta' UCIs jikkonsisti mill-imgħax riċevut fuq id-depożiti u investimenti oħra li jkunu ġew akkwistati minn naħa waħda, u mid-dividendi akkwistati fuq l-ishma miżmuma mill-UCIs, minn naħa l-oħra. Dawn l-imgħaxijiet u d-dividendi jistgħu jitħallsu lill-investituri, jew jiżdiedu mal-kapital.

Meta distribwit, dan id-dħul huwa reġistrat fil-kont tad-Distribuzzjoni tad-dħul ta' l-azzjonisti, fid-dħul minn fuq proprjetà u intrapriża (Kodiċi R40 tas-sistema Ewropea ta' kontijiet ekonomiċi integrati (ESA), kurrentement fis-seħħ).

Meta dan id-dħul mhuwiex distribwit, dan għandu jiġi trattat bħala dħul imħallas mill-UCIs lill-azzjonisti tagħhom, li dawn ta' l-aħħar jerġgħu investu immedjatament fl-UCI. Dan ifisser li dan id-dħul għandu jiġi rreġistrat fid-dħul minn fuq proprjetà u intrapriża bħal fil-każ ta' dħul distribwit. Barra minn hekk, l-istess ammont għandu jiġi kklassifikat bħala parti mill-ishma, fil-kont Finanzjarju ta' l-azzjonisti.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-12 ta' Frar 1997.

*Għall-Kummissjoni*

Yves-Thibault DE SILGUY

*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 49, tal-21.2.1989, p. 26.
([2]) ĠU L 310, tat-30.11.1996, p. 1.
([3]) ĠU L 293, tat-12.11.1994, p. 9.